Tabilħaqq ħasra li qatt ma ġiet ix-xoqqa f'moxtha biex wieħed igħidlu, lil dak li b'sabar qagħad ifiehem ruħu daqshekk tajjeb dwar ġrajjiet imgħoddija, li wieħed sama' kliemu bil-għaqal kollu u l-ġabra li tistħoqq lil min jaf xi jgħid.

## "WAĦDI"

*Ta'* Joe Mejlak

Waħdi,
m'għandi 'l ħadd ħdejja
quddiem għajnejja
biex lilu nsellem
u nkellem.
Ħadd,
ħadd m'hu qed jagħti każi,
għalhekk inbaxxi rasi
għax nistħi.

Waħdi,
għal kollox waħdi:
għalhekk fuq blata poġġejt,
u bdejt
inħarbex dal-kliem
fil-ħemda w fis-sliem,
fis-skiet
u fil-kwiet
bla ħadd ħdejja.

'Ma kif kont nikteb,
bil-karta f'idi,
bla ħadd m'hu sidi,
stabart
għax ftakart
li x'imkien 'il bogħod minni
hemm Xi Ħadd li jibża' għalija
u qed jaħseb fija!



## GĦALIEX MULEJJA?

*Ta'* Ġużè Cardona

Lill-Prof. Ġużè Galea
b'turija ta' l-akbar Qima.

Għaliex, għaliex Mulejja
Fid-dinja dat-taħwid?
Għaliex jaħasra, Sidi,
Bil-qerq iħallsu l-ġid
Li tagħmel Int mal-ħlejjaq,
Il-ħlejjaq li jkasbruk?

Għaliex il-qawwi jgħakkes
Id-dgħajjef u l-mikdud
U flok li jħarsu u jgħinu
Jifraħ jarah bħad-dud,
Ma' l-art jitkaxkar, mgħaffeġ,
Hekk li jixtieq imut!

Għaliex iż-żgħir jitkabbar
U jara 'l kulħadd xejn?
Ma jafx li l-kobor f'Alla
U Miegħu għandna dejn,
Li qatt ma naslu nħallsu
Bil-ħidma tagħna biss!

Għaliex jittanta jgħaddi
Bi twajjeb il-brikkun?
Ma jafx li quddiem Għerfek
Fil-Ħaqq mikxuf ikun
U jitlef kull ma ġabar
Fis-saltna tan-nirien!

Għaliex is-sliem u l-hena,
Iġarraf ġewwa d-djar,
Irġiel u nisa jifred...
Ma kienx għalih aħjar
Li mara ħielsa jagħżel
U jgħix kif Inti xtaqt?